MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1368/1996/1

**Rover Manufacturing Co. Ltd; u b'digriet tal-21 ta' Novembru 1996 il-kelma Rover ġiet sostitwita bil-kelma RO.VE.R**

**-vs-**

**Associated Supplies Limited**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-29 ta' April 1996 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi l-kumpannija konvenuta hija debitriċi tal-kumpannija attriċi fis-somma ta' elfejn mija u sitta u sebgħin lira u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm2,176.69), import ta' kambjala (dokument "A") li kellha tiġi mħallsa fit-22 ta' Settembru 1995, pero` l-kumpannija konvenuta baqgħet ma ħallsithiex.

Illi *oltre* dan il-kumpannija konvenuta hija wkoll debitriċi tal-kumpannija attriċi fis-somma ta’ elf sitt mija u sittin lira u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm1,660.74), import ta’ kambjala (dokument “B”) li kellha tiġi mħallsa fil-31 ta’ Marzu 1996, pero` l-kumpannija konvenuta baqgħet ma ħallsithiex.

Illi l-import tal-imsemmija żewġ kambjali jagħmel lill-kumpannija konvenuta debitriċi tal-kumpanija attriċi fis-somma totali ta’ tlitt elef tmien mija u sebgħa u tletin lira u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm3,837.43).

Illi l-kumpannija konvenuta baqgħet ma onoratx l-imsemmija żewġ kambjali.

Illi dan l-ammont ta’ Lm3,837.43 in debitu huwa ċert, likwidu, u dovut, u jinkwadra ruħu fis-dispożizzjonijiet tal-artikolu 167(a) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u peress li fil-fehma tal-kumpannija attriċi, *trattandosi* ta’ kambjali, il-kumpannija konvenuta m’għandhiex ikollha eċċezzjonijiet x’tagħti.

Tgħid il-kumpannija konvenuta għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

(1) tikkundannaha tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma komplessiva ta’ tlitt elef tmien mija u sebgħa u tletin lira u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm3,837.43) import ta’ żewġ kambjali kif intqal fuq.

(2) Tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talba tal-kumpannija attriċi bid-dispensa tas-smiegħ skond id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni, u bl-imgħax tat-tmienja fil-mija fis-sena tal-effettiv pagament.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta’ attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta Associated Supplies Ltd., ippreżentata fit-22 ta’ Mejju, 1996 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi, preliminarjament, is-socjeta` attriċi, kif indikata fiċ-ċitazzjoni attriċi, ma teżistix u s-soċjeta` esponenti konsegwentement titlob illi tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju f’din l-istanza.

2. Illi, preliminarjament ukoll, iżda mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-azzjoni attriċi hija intempestiva billi s-soċjeta` attriċi baqgħet sal-lum ma eżegwietx il-konsenja totali tal-ordni kollha magħmula mis-soċjeta` esponenti, kif jiġi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-provi fil-kawża odjerna.

3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fuq il-meritu, l-iskadenza u l-ħlas tal-valur tal-kambjala eżebita mis-soċjeta` attriċi bħala Dokument 'A' kienet suġġetta għal kundizzjoni stipulata fil-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti fil-15 ta’ Settembru 1995 (Dokument ‘ASL1’ anness), liema kundizzjoni baqgħet ma avverratx ruħha billi s-soċjeta` attriċi ma eżegwietx l-obbligi kollha minnha assunti *ai termini* tal-istess ftehim. It-talba attriċi għall-ħlas tal-import ta’ din il-kambjala hija għalhekk insostenibbli u infondata, kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

4. Illi l-iskadenza u l-ħlas tal-valur tal-kambjala eżebita mis-soċjeta` attriċi bħala Dokument ‘B’ kienet ukoll suġġetta għal kundizzjoni, stipulata fl-ordni ffirmata bejn il-kontendenti fit-2 ta’ Frar 1995 (Dokument ‘ASL2’ anness), liema kundizzjoni baqgħet ma avveratx ruħha billi s-soċjeta` attriċi ma eżegwietx l-ordni totali magħmula mis-soċjeta` esponenti u aċċettata minnha. It-talba attriċi għall-ħlas tal-import ta’ din il-kambjala hija għalhekk insostenibbli u nfondata, kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

5. Illi, subordinatament, iżda mingħajr ebda preġudizzju għal kull eċċezzjoni hawn fuq sollevata, is-soċjeta` esponenti sofriet ukoll danni ngenti, spjegati u mitluba fil-kontro-talba hawn annessa, b’rizultat u konsegwenza tal-

inadempjenza, xogħol ħażin u dewmien tas-soċjeta` attriċi fl-eżekuzzjoni tal-ordni u tax-xogħol rikjest mis-soċjeta` esponenti, liema ammont ta' danni jeċċedu l-valur tat-talbiet attriċi.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta` konvenuta skond il-liġi kontra s-soċjeta' attriċi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta fejn esponiet:

Illi s-soċjeta` konvenuta ordnat *Master Antenna Television System* u *Audio Sound System* mingħand is-soċjeta` attriċi, liema ordni kienet tinkludi wkoll l-installazzjoni, *testing* u *commissioning* tal-istess sistemi.

Illi s-soċjeta` attriċi baqgħet inadempjenti fl-eżekuzzjoni tal-ordni hekk magħmula mis-socjeta` konvenuta billi naqset milli tagħmel il-kunsinna totali, fiż-żmien u bil-mod miftiehem, tal-imsemmija sistemi, u *inoltre* naqset ukoll milli teżegwixxi x-xogħol rikjest minnha skond l-arti u s-sengħa, *oltre* illi l-istess soċjeta` attriċi eventwalment abbandunat il-ftehim milħuq mas-socjeta` konvenuta u baqgħet ma kkonkludietx l-istess xogħol ordnat minnha.

U illi, għalhekk, is-soċjeta` konvenuta sofriet danni nġenti, konsistenti prinċipalment kemm fi spejjeż żejda illi inkorriet inutilment b'effett immedjat u dirett tal-inadempjenza, dewmien u xogħol ħażin tas-soċjeta` attriċi, u kif ukoll fi spejjeż konsegwenzjali sabiex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tas-soċjeta` attriċi.

U illi, *nonostante* interpellata sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minnha kkaġunati, is-soċjeta` attriċi baqgħet inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

Għaldaqstant, tgħid is-soċjeta` attriċi l-għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. tiddikjara illi s-soċjeta` attriċi kienet inadempjenti fl-eżekuzzjoni tal-ordni magħmula mis-soċjeta` konvenuta billi naqset milli tagħmel il-kunsinna totali, fiż-żmien u bil-mod miftiehem, tas-sistemi ordnati mis-soċjeta` konvenuta, *oltre* li naqset ukoll milli teżegwixxi x-xogħol rikjest minnha skond l-arti u s-sengħa, u li kif ukoll eventwalment abbandunat il-ftehim milħuq mas-soċjeta` konvenuta u baqgħet ma kkonkludietx l-istess xogħol ordnat minnha.

2. tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta sofriet danni nġenti, konsistenti prinċipalment kemm fi spejjeż żejda illi inkorriet inutilment b'effett immedjat u dirett tal-inadempjenza, dewmien u xogħol ħażin tas-soċjeta` attriċi, kif ukoll fi spejjeż konsegwenzjali sabiex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tas-soċjeta` attriċi;

3. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, dawk id-danni hekk sofferti mis-soċjeta` konvenuta;

4. tikkundanna lis-soċjeta` attriċi sabiex tħallas lis-soċjeta` konvenuta dik is-somma *in linea* ta' danni illi tiġi hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u bl-interessi skond il-liġi sad-data tal-eventwali pagament kontra s-soċjeta` attriċi, u b'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta` konvenuta skond il-liġħi kontra s-soċjeta` attriċi.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' attriċi għall-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta, fejn eċċepiet:

1. It-talbiet fil-kontro-talba huma mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt, għaliex kienet il-kumpannija konvenuta li naqset milli tonora l-kuntratt mal-kumpannija eċċipjenti.

2. L-eċċipjenti ma kkaġjonaw l-ebda danni lill-kumpannija konvenuta, anzi kienet din li kkaġjonat danni lill-eċċipjenti li qed jirriservaw kull dritt għal azzjoni f'dan ir-rigward.

3. L-eċċipjenti onoraw l-obbligi tagħhom skond il-kuntratt anke meta rinfaċċjati bin-nuqqas tal-kumpannija konvenuta sija f'dak li huwa dewmien biex jiġi approvat materjal kemm f'dak li huwa ħlas li kellu jsir akkont.

4. Il-kunpannija konvenuta arbitrarjament u mingħajr ebda dritt unilateralment ħassret il-kuntratt mal-eċċipjenti u wara li kien ġja` ġie provdut il-materjal u apparta kollu qabbdet lil ħaddiehor biex tevita li tħallas.

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra jekk u meta jkun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Lulju 1997 li permezz tagħha s-soċjeta' konvenuta ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' tliet elef, tmien mija u sebgħa u tletin Lira Maltin u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm3,837.43) b'dan illi l-ħlas kellu jsir billi s-somma msemmija tiġi depożitata fir-reġistru tal-Qorti u żbankata biss jekk tinġieb garanzija suffiċjenti fil-pendenza tal-kontro-talba;

Rat illi ingħata l-permess biex din is-sentenza tiġi appellata u fil-fatt il-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2002 filwaqt illi kkonfermat li t-talba u l-kontro-talba kellhom jiġu deċiżi separatament, ħassret is-sentenza imsemmija prinċipalment għaliex il-kawża ma kienitx ġiet differita għas-sentenza iżda biex jingħata provvediment skond l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u ordnat illi l-atti jerġgħu jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex jiġu deċiżi kif intqal:

Illi semgħet il-provi u rat l-affidavit ta' Sarah Zarb li ġie re-integrat il-proċess wara li kien ġie sfilzat;

Rat ir-rapport tal-perit legali u l-verbali tas-seduti li saru quddiem l-assistent ġudizzjarju;

Rat id-diversi noti ta’ sottomisjonijiet tal-partijiet u l-atti kollha tal-kawża, u finalment il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2009 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif intqal it-talba attriċi hija biex is-soċjeta’ attriċi titħallas l-import ta’ żewġ kambjali, fl-ammont ta’ elfejn, mija u sitta u sebgħin lira Maltin u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm2,176.69) u elf, sitt mija u sittin lira Maltin u erbgħa sebgħin ċenteżmu  (Lm1,660.74), bl-imgħax sad-data tal-effettiv pagament. Il-kawża saret *ai termini* tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 iżda l-Qorti akkordat it-talba konvenuta biex jiġu preżentati l-eċċezzjonijiet.  Dawn kienu fis-sens illi (fol. 11):

1. Is-soċjeta’ attriċi kif indikata u ċioe’ Rover ma teżistix u konsegwentament s-soċjeta’ konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi t-talba attriċi hija intempestiva billi sal-lum s-soċjeta’  attriċi għad ma eżegwietx il-konsenja totali tal-ordni magħmula;

3. L-ammont mitlub mhux dovut għax il-ħlas kien suġġett għall-kundizzjoni stipulata fil-ftehim bejn il-partijiet, liema kundizzjoni ma avveratx ruħha billi s-soċjeta’ attriċi ma esegwietx l-obbligi kollha tagħha taħt l-imsemmi ftehim;

4. Minħabba dawn in-nuqqasijiet is-soċjeta’ konvenuta sofriet danni b’riżultat ta’ inadempjenza, xogħol ħażin u dewmien, liema danni jeċċedu l-ammont mitlub mis-soċjeta’  attriċi. Saret għalhekk kontro-talba.

Kontro-talba (fol. 15)

Din hija fis-sens illi tingħata dikjarazzjoni ta’ inadempjenza tal-fehim għall-ordni tas-sistemi ordnati mis-soċjeta’ konvenuta, nuqqas ta’ esegwiment skond l-arti u s-sengħa u abbandun tal-ftehim. U għalhekk illi minħabba f’hekk

dikjarazzjoni li s-soċjeta' konvenuta sofriet danni, u likwidazzjoni ta' danni u għall-hlas tad-danni hekk likwidati

Seduta 21/11/1996 (fol. 28)

Il-partijiet qablu li ssir korrezzjoni fl-isem tas-soċjeta' attriċi kull fejn jidher. Is-soċjeta' konvenuta għalhekk irrinunzjat għall-ewwel eċċezzjoni tagħha.

XHIEDA

A fol. 48 xehed Christopher Rizzo direttur tas-soċjeta' konvenuta. In succint dan qal illi rigward l-ewwel kambjala Lm2,176.69, il-ftehim tal-15 ta' Settembru 1995 sar għax is-soċjeta' attriċi kienet abbandunat ix-xogħol u ħadu xi *equipment* tas-sistemi minn fuq is-*site*. Sar ftehim li sat-22 ta' Settembru 1995 ix-xogħol kellu jkun lest. *"Aħna aċċettajna li ssir kambjala bil-kundizzjonijiet li x-xogħol jitlesta sat-22 ta' Settembru 1995, ikun tested, commissioned u in working order. U jekk huma jżommu dan l-agreement aħna fit-22 ta' Settembru 1995 nagħtuhom iċ-ċekk ta' dik il-kambjala.*

Mistoqsija tal-Qorti: Hemm aċċenn għal dan fuq il-kambjala jew inkondizzjonata l-kambjala? (fol. 51).

*L-agreement jgħid "it is expressly understood that ROVER are to meet all their commitments as outlined above in order for ASL to honour the bill of exchange on time". Il-kambjala ma fiha xejn pero' l-kambjala saret fl-istess ġurnata tal-ftehim. Fil-fatt saret 3 ijiem wara għax ġew biha wara biex niffirmaha. It-tieni pagament mitlub huwa l-5% retention skond l-agreement tat-22 ta' Frar 1995.*

*Aħna ma ħallasniex għax Rover ma lestewx ix-xogħol skond l-agreement u għadhom sal-lum ma lestewx. Aħna konna qed nagħmlu l-Building Services u kellna deadline l-aħħar ta' Settembru biex inlestu u nagħmlu handover lill-klijenti. Fir-rigward tat-tieni kuntratt il-5% retention ma tħallsux għax huma qatt ma lestew ix-xogħol. Ir-retention ssir għax aħna għandna 12 months details liability bħal*

*garanzija għall-ħsarat jew affarijiet oħra li jistgħu jinqalgħu. F'dawn it-12-il xahar kull ma nqala' kellna nirranġaw kollox aħna a spejjeż tagħna għax huma qatt ma lestewh ix-xogħol. Kellna nqabbdu sub contractors biex ilestu x-xogħol."*

Mistoqsija tal-Qorti: Illum tlesta minn ħaddiehor dan ix-xogħol?

*"Bil-fors. Ix-xogħol kelli nlestih. Ma stajtx inħallih.*

*Ix-xogħol ma sarx kollu minn Rover. Ix-xogħol jitqassam fi tlett kategoriji: is-supply tal-equipment, l-installazzjoni u l-commissioning u testing. Mit-testing u commissioning dawn ma għamlu xejn għax kif ħallewha s-sistema meta xegħelniha ma kinitx qed taħdem tajba. It-television system qed nitkellmu fuq 250 television, kienu kollha bil-grains u bil-lines fuqhom u ma kienx hemm stampi ċari. Ir-radios, l-audio system, is-sound system fejn fil-guest room ikollok il-bed head panel u jkollok channel 1, 2, 3 etc u taqbad id-different music channels, ma kinux installati tajbin, kien hemm ħafna crackling, kien hemm lack of commissioning u adjustments. Dan kollu aħna kellna nagħmluh.*

*L-installation naħseb li laħqu 85% għax imbagħad ħadniha over aħna u komplejniha. Fil-ground equipment forsi laħqu xi 90 / 95% għax kien hemm xi equipment kellna nġibuh aħna wkoll. Kien hemm xi equipment li kellna nbiddlu għax dana kien qiegħed sub-standard u mhux skond il-ftehim li kellna.*

*Rigward xogħol mhux skond l-arti u s-sengħa jiena ma tantx jien tekniku, affarijiet sub-standard work aħjar jitkellem fuqhom l-engineer, Joseph Scicluna.*

*Kellhom jagħmlu Master antenna television system li kien jikkonsisti f'250 televisions, u sound system f'250 guestrooms plus ikollok il-music fil-public areas kollha, fil-foyer, fil-conference rooms, fir-restaurants, fit-therapy areas. Il-music system tkun througħout the hotel. Il-kuntratt li kellha l-kumpanija mal-Corinthia San Gorg Hotel*

*ma kienx għal dawn is-sistemi biss, kien għas-sistemi kollha, jiġifieri airconditioning, dawl, mechanical and electrical systems, all systems.*

*Mid-diretturi jiena kont il-persuna responsabbli u Joseph Scicluna kien jirrapporta lili.*

*Dwar it-tardivita' dawn bdew jaqgħu lura fix-xogħol kważi mill-bidu. Hemm hafna korrispondenza fejn aħna qed ngħidulhom "waqajtu lura". Konna nagħmlu progress meetings every two weeks. Kont nattendi għalihom jien. Min- naħa tagħhom kien jattendi Mark Rota. Wara beda jattendi Mr. Ray Calleja u warajh beda jiġi ħaddieħor. Min-naħa tagħhom ma kienx hemm continuity bħala overall responsibility tal-proġett, is-supervisors dejjem jitbiddlu. Min-naħa tagħna kien hemm Joe Scicluna u jien. Ġew esebiti korrispondenza markati CR1 sa CR10.*

*Wara li sar il-ftehim fit-2 ta' Frar 1995 sat-21 ta' Frar 1995 kienu għadhom ma bagħtux in-nies biex jibdew ix-xogħol u bgħatnilhom biex mhux aktar tard mit-23 ta' Frar jibgħatu n-nies jibdew ix-xogħol (CR1). Konna nagħmlu meetings u niftehmu target dates għat-twettiq tax-xogħol għax kienu qed jaqgħu lura (CR2). Fin-next meeting dawn it-target dates ma kinux laħquhom u konna niffissaw target dates ġodda (CR3). Lanqas kienu jibagħtu n-nies jibdew ix-xogħol fis-7:30. Ġieli ġew fl-10:00 u kienu jkunu tnejn min-nies biss. Kif tista' tagħmel kuntratt ta' dak il-kobor meta ma jkollokx in-nies? Bgħatnielhom lill-engineer Joseph Scicluna li huwa awtorizzat biex jagħtihom l-ordnijiet inkluż jordna equipment għax bdew iġibu skużi li ma ordnawx equipment għax Scicluna ma kienx awtorizzat (CR4). Fil-fatt jafu li ma kienx il-każ għax lil Joe Scicluna kienu jafuh mill-bidu nett, kien involut fin-negotiations, waqt il-quotations, meta għamilna l-agreements, u jafu li hu kien my representative on site u kellu permess biex jagħtihom instructions. It-telefonati tiegħi ma kinux iweġbuhom u ma kinux ikunu available u ma jirritornawx il-calls, kienu jċemplu at the end of the month meta tiġi l-kambjala (CR5).*

*Il-guestrooms kellhom jiġu kompletati sat-23rd August 1995, data li qegħda fil-master programme of works għax il-klijent f'dik id-data kellu jibda jnaddaf il-guestrooms biex at the end of September jiftaħ u jdaħħal in-nies. It-target date originali ma laħquhiex u tajnihom sat-23rd August (CR6). CR7 hija l-items kollha li kien baqa' outstanding fit-23rd August, room by room. CR8 għalkemm konna għidnielhom li by 23rd September iridu jkunu lesti mill-guestrooms, sar 1st September u ma konniex lesti. Għidnielhom li fil-1st September u 9th September kellu jkollna meetings mal-klijent biex nagħtuh handover. Imma x-xogħol indikat fil-lista san-9th September kien għadu ma sarx. Barra x-xogħol fil-guestrooms li kien għadu ma sarx kien hemm ukoll ix-xogħol fil-public areas li kien importanti wkoll li jsir.*

*Rover abbandunat il-kuntratt għax ma resqux iżjed on site. M'għandiex nota eżatta imma jidhirli li kienet round 20th November 1995. Wara dik id-data jiena daħħalt specialists oħra biex nipprova nkompli x-xogħol li suppost lestejt at the end of September.*

*Jiena bgħattilhom ittra bl-avukat li qed nagħmlilhom termination tal-kuntratt u li ma jerġgħux jersqu fil-lukanda. Avżajt lil general manager tal-lukanda, ċertu Mr. Joseph Azzopardi by fax on the 20th November (CR9) u għamilt arranġamenti ma' kumpanija mill-Ingilterra European Satellites Limited biex jinżlu Malta malajr u fil-fatt ġew the next day. Irranġawli t-television system mhux 100% għax kulma setgħu jiġu $^{2}/_{3}$ days imma naqqasna ħafna mill-complaints li kien hemm mill-guests. Aħna bgħattna dik il-fax għax kellna każ f'Settembru fejn Mr. Mark Rota mar fuq is-site u ħa ċertu equipment mis-site li diġa' kien imħallas, u bżajt li jerġa' jagħmel l-istess.*

*Oriġinarjament lil European Satellites qabbadnihom għall-commissioning biss imma sabu li kien hemm ċertu equipment sub standard u allura biex jimpruvjaw is-signals kellhom bilfors ibiddluh dan l-equipment. Qabbadna ukoll kumpanija li jisimha High Scan li komplew jimpruvjaw fuq ix-xogħol li European Satellites kienu għamlu malajr biex it-television system iġibuha 100%. Fuq*

*l-audio system u s-sound system użajna n-nies tagħna taħt is-supervision tal-engineer Joseph Scicluna. Dan kien kollu xogħol li kellu jsir minn Rover, li ma kiens sar jew li kien sar ħażin. Ix-xogħol li għamilna aħna kellna nixtru ċertu equipment u kellna nibdlu ċertu amplifiers, mingħand various suppliers. Sa darba oħra nesebixxu l-irċevuti relattivi għal kull kumpanija li semmejt u nagħtu ukoll prospett tal-ispejjeż li saru. Kien hemm ukoll ħafna commissioning certificates li suppost għamlithom Rover u kellu jagħmilhom l-engineer tagħna Josepha Scicluna.*

A fol. 78 xehed Leslie Bonnici li qal in suċċint li jaħdem ma Skyscan Co. Ltd. *"Jiena ġejt imqabbad minn ASL biex nirranġaw is-sistema bażikament tal-lukanda regarding satellite television.* (Fuq domanda tal-Qorti) *Jiena responsabbli mill-parti teknika ta' Skyscan. Kellna nżidu amplifiers, nirranġaw affarijiet ġol-head end, u niċċekjaw wara x-xogħol li għamilna kif qed jasal it-television bħala sinjal ġol-kmamar. Ix-xogħol sibnih diġa' mibdi. Kien sar minn Rover. Is-sistema kienet lesta pero' ma kinitx up to standard. Biex nirranġaw is-sistema u taħdem kif suppost kellna nagħmlu line amplifiers għal ġos-service rooms minħabba l-complaints li kien hemm. Is-sistema ma kinitx aċċettabbli għal ġol-kmamar. Stazzjonijiet mhumiex tajbin, mhux preżentabbli biex tarahom, mhux kwalita tajba biex taraha, mhux ċari. Fol. 82 spjegazzjoni dettaljata tax-xogħol li sar. Aħna bgħatna l-kont lil ASL u tħallasna minnhom. Il-kumpanija mhix tiegħi, jiena mpjegat. Aħna ħadna it-tender bħala kumpanija. Kien hemm ħaddiehor miegħi, id-direttur tal-kumpanija. Id-direttur kien miegħi kważi l-ħin kollu. Konna aħna t-tnejn li għamilna x-xogħol. Jiena kwalifikat biex nagħmel dan ix-xogħol."*

A fol. 88 xehed Raymond Mangion illi in suċċint qal li huwa jaħdem mal-Corinthia Group, bħalissa San Gorg Corinthia u ilu hemm sentejn. *"Bdejt f'April 1995 bħala maintenance manager. Jiena ġieli rajthom hemm lil Rover, (fuq domanda tal-Qorti) li kienu sub contractors ta' ASL. ASL kienu l-main contractors. Meta ġejna biex niftħu għal-1 ta' Novembru 1995, meta ġejjin il-klijenti, ix-xogħol kien għadu ħafna lura. Unofficially fetħet fl-1 ta' Novembru 1995, ġew l-ewwel klijenti. Għalkemm aħna għamilna*

*pressure ma' ASL biex jitlesta x-xogħol, sa dak iz-zmien ta' l-1 ta' Novembru 1995 is-sistemi kienu għadhom mhux lesti. U kien hemm problemi kemm fis-sound u fit-television. ASL ġabu kuntratturi oħrajn, mhux ċert hux ftit ġimgħat qabel ftaħna jew wara. Rover kienu waqfu u s-sitema ma kinitx operational kemm is-sound u kemm it-television. It-television ma kien hemm reception ta' xejn u kien hemm kmamar li mhumiex itterminati, il-wiring ma kienx itterminat. L-audio system l-istess, is-sistema ma kinitx commissioned u kien hemm xi kmamar għad mhux wired. Dan ix-xogħol sar wara minn sub contractors oħra u sar tajjeb.*

*Kien hemm xi xogħol ieħor li waqa' lura per eżempju fil-basement imma ma kienx hemm xogħol li waqa' lura li minħabba fih Rover ma setgħux jagħmlu s-sistemi msemmija. Dan nafu personalment għax jien kont il-persuna nkarigata biex nara li x-xogħol jitlesta sa' l-1 ta' Novembru meta kellhom jidħlu l-klijenti u kont inkun hemm kuljum. Jien kont nagħmel pressure fuq il-kuntrattur tagħna ASL. Konna nieħdu handover ta' kull kamra, waħda waħda. Kien hemm ħaddieħor ukoll jagħmel pressure. Il-kuntatt tiegħi kien ma' Chris Rizzo, d-direttur ta' ASL. Re: Dokument CR10, jiena kont bgħatt wieħed mit-technicians tiegħi jdur mas-sub contractors ta' ASL, mhux ma' Rover, biex jiċċekkjaw kamra kamra fuq ir-radio u fuq kull stazzjon. Dan id-dokument mhux handwriting tiegħi u qatt ma rajtu qabel. Naħseb li dan inkiteb minn impjegati ta' ASL ma' wieħed mit-technicians tiegħi li daru kamra kamra u ċċekkjaw l-istazzjonijiet kollha li kien hemm. Dan huwa s-sitt stazzjonijiet tas-sound. Kull stazzjon kellu jkun differenti iżda kull numru jirreferi dejjem għall-istess stazzjoni għal kull kamra għax aħna lill-klijenti nagħmlulhom radio directory. Meta sar iċ-checking sibna ħafna problemi. (Fuq mistoqsija tal-Qorti) Ma kienx hemm technician wieħed, kienu varji, daqqa l-assistent tiegħi u daqqa wiehed mit-technicians. Ma nistax ngħid eżatt min kien imma nista' nsemmihom kollha. Kont nibgħat raġel magħhom fil-kmamar peress li l-kmamar kienu okkupati u kellna l-għamara u hekk. Dan id-dokument għamluh il-kuntrattur u mpjegat tiegħi preżenti. Ma nistax nikkonfermah illum."*

A fol. 113 Joseph Scicluna esebixxa kopja *specifications* tal-kuntratt, ritratti li jindikaw xogħol ħażin, *telephone, radio* u *television book* tas-San Gorg Corinthia Hotel. Dan xehed ukoll a fol. 130 fejn qal illi *"dak iż-żmien jien kont site engineer stazzjonat fuq il-post. Il-funzjoni tiegħi kienet li nara li teknikament is-sistemi huma nstallati kif suppost u li l-progress u kwalita tax-xogħol hija aċċettabbli. Kont nieħu ħsieb ukoll il-progress of works fil-każ tar-Rover. Il-problemi li konna qegħdin naraw kienu nuqqas ta' deliveries fil-ħin, illi konna miftehmin anke fuqhom mal-klijent. Kull sistema kellha tlett fażi, l-ewwel il-conduit mnn fejn kellu jgħaddi l-cables tas-sistema kollha. Once li l-conduit ikun lest Rover jiġu mgħajta biex jinstallaw il-cables. F'dik l-ewwel fażi kien hemm mumenti fejn kienu puntwali u kien hemm mumenti fejn ma kinux. Kienu jibgħatu ħafna nies fl-aħħar hinijiet u kienu joħolqu konfuzjoni kbira u nuqqas ta' delivery. Kien ikun hemm trades oħra jaħdmu u ma kinux iżommu mat-timing li kellna kommess mal-klijent u mat-trades l-oħra."*

A fol. 134/5/6/7 jispjega fid-dettal in-nuqqasijiet li nstabu fix-xogħol li sar mir-Rover.

*"Rover iddecidew li jużaw amplifiers domestiċi li ma humiex tajba għall- lukanda ta' dan il-kobor. Aħna kellna nirrettifikaw fuq dan ix-xogħol biex is-sistema tkun aċċettabbli mill-klijent u up to standard."*

(Fuq domandi tal-Qorti) *"Dawn l-ispecifications kienu jiffurmaw parti mit-tender li ħriġna u mill-agreement tagħna mal-klijent. Kienu available għal Rover li kienu aware minnhom, anke mit-tip ta' amplifiers, cables meħtieġa, u design specifications li wieħed kellu jimxi magħhom. Kull meta kienet se tinbidel xi ħaġa konna nġibu l-go ahead mingħand il-konsulent tal-klijent għax aħna ma kellna ebda dritt inbiddlu specifications iżda stajna nipproponu biss.*

*Dwar l-amplifiers il-konsulent kien qalilna li amplifier domestiku fil-każ tat-television system mhux aċċettabbli u dan għidna bih lil Rover. Jiena sirt naf wara li kien ġie*

*nstallat dan it-tip ta' amplifier. Għandi wieħed minnhom l-uffiċċju għax ma ħadtx pjaċir li ġie nstallat amplifier li ma kienx aċċettat mill-klijent. Għandi l-ispecifications kollha tas-sistema tat-television u tas-sound u anke d-design li ġew mgħoddija lil Rover u kellhom jimxu fuqhom.*

*L-ilmenti kienu ta' 2 livelli : l-progress u l-amplifiers.*

*Id-deliveries kienu jkunu tard. Ħafna drabi kien ikolli nivvinta skużi mal-klijent ġimgħa wara ġimgħa biex ngħidlihom li għadna mhux lesti. Ħafna drabi l-problema tal-cables kienet iżżommli trades oħra milli jimxu. Spjegazzjoni dettaljata fol. 142/3.*

*Ix-xogħol kellu jkun lest sa Settembru 1995. F'Novembru 1995 kellna ngħajtu kumpanija oħra għax ix-xogħol ma kienx lest. Bqajna għaddejjin sa Marzu 1996 u l-handing over sar April, Mejju 1996, bħala konsegwenza. Ir-ratifiki ma sarux minn Rover iżda minn terzi. Rover qatt ma tatni formal handing over tas-sistemi kompluti. L-ewwel stadju ta' commissioning sar minn Rover pero kien defiċjenti. It-tieni u t-tielet stadju ta' commissioning ma sarx minn Rover.*

*Fuq is-sistema tat-television qabbadna żewġ kuntratturi l-European Satellite, kumpanija Ingliża, u speċjalisti fix-xogħol. Dan kien wara l-closing date, Settembru 1995. European Satellite gew fit-18 ta' Novembru, engineer u technician. Il-problemi kienu li l-istampa ma kinitx tajba biżżejjed, ta' kwalita tajba biżżejjed fil-kmamar u public areas. Id-difett kienu tnejn: l-użu ħażin ta' dan it-tip ta' amplifiers. Rover installaw tnejn; biex nirretifikaw il-problema kien hemm bżonn tlettax. L-isplitters li ntużaw ma għenux lis-signal biex jasal tajjeb fil-point li kellu jasal għax ma kinux ta' kwalita tajba ħafna. Lanqas kellhom specifications fuqhom. Hemm problemi oħra li għadhom jeżistu per eżempju t-television outlets kellhom ikunu isolated jiġifieri ma tieħux xokk minnhom. Rover iddeċidew li jużaw tip differenti u għadhom hemmhekk għax ma stajniex inbiddluhom waħda waħda. Fil-head end equipment suppost kellhom jinstallaw biċċtejn apparat*

*importanti iżda sibna li nstallaw wieħed. Kien hemm ukoll lok għal ħafna improvement anke fil-workmanship.*

*JS2 parti mill-kamra, JS3 eżempju wieħed ta' bad workmanship, JS4 parti mill-kamra juri l-istat tal-cables u t-tip ta' connections li ntużaw, JS5 l-istat li tħalliet fih l-iswitch room, JS6 tip ta' amplifier li ntuża li ma kienx speċifikat minn Rover fiż-żmien u again l-istat li fih tħallew il-cables etc. Xogħol li ma sarx: mhux l-ewwel darba li sibna cables tat-television mhux mgħoddijin, anki xi points fil-public areas li ma kinux konnektjati. Ix-xogħol li ma sarx minn Rover sar min żewġ kumpaniji, l-European Satellite biex tirretifika x-xogħol. Kellna bżonn żewġ kumpaniji biex nsolvu l-problemi fi żmien qasir u mmedjat. It-tieni kuntrattur kellu aktar ħin għad-dispożizzjoni tiegħu biex isolvi l-problemi li kien hemm. Il-klijent eventwalment kien sodisfatt, meta aħna tajna l-handover, April/Mejju 1996.*

*Rigward is-sound system, skoprejna li l-main rack ma kienx kbir biżżejjed u ċertu equipment ma kienx aċċessibbli mill-faċċata, ritratt JS9. Dan qala' wkoll problemi f'żewġ amplifiers. JS10 ir-rack minn wara, JS11 u JS12 l-istat tal-cables, il-mod ta' connections u t-tip ta' cables. L-equipment qiegħed ħafna qrib ta' xulxin li ikkreja problemi lill-apparat bil-mod kif installat. Is-sistema tal-fire alarm kella bżonn power supply li kellha titpoġġa fuq ir-rack għax ir-rack suppost illi kienet tibgħat sinjal fil-kmamar. Dan kien nuqqas ta' ħsieb għax kellu jiġi nstallat mill-bidu ma' l-equipment. Jien kont niprova ngħin lir-Rover biex isolvu dawn il-problemi. Meta ġie delivered l-equipment kellu jkun funzjonabbli mill-bidu sa l-aħħar, u Rover kellhom jikkonnektjaw il-cables fil-kmamar u public areas ma' dan l-apparat u s-sistema, biex taħdem. Wara tgħaddi għall-commisioning biex tara li l-kwalita u s-sound ikunu ta' kwalita u kullimkien kostanti. L-apparat ġabu Rover.*

*Kien hemm każ fejn over kien f'xi Ottubru ġie u ħa l-equipment tat-television u tas-sound u l-audio system ċentrali minn fuq is-site. Wara diversi diskussjonijiet reġgħu rritornawhom. JS14 juri l-mod kif ġew ikkonnektjati ma l-elettriku. Suppost tintuża sistema ta' low voltage.*

*Minnflok intużat extra low voltage. Ma tistax tħalli sistemi bħal dawn fuq extra low voltage għax huma perikolużi hafna għax wieħed jista' faċilment jieħu xokk minnhom.*

*Problema oħra fir-radio system li kient tolqot 30% tal-kmamar kienet illi ħafna mill-istazzjonijiet ma kinux konsistenti, ma kinux koerenti. Hawnhekk ma kinitx kwistjoni li wieħed jaqla' ż-żewġ wires imma li jsib fejn hi l-problema u mbagħad jaqleb ż-żewġ wires biex jirretifika l-problema. Din kienet tieħu ħafna ħin. Qed nitkellmu fuq 30% ta' 260 kamra. Kien hemm ukoll problema ta' interferenza li huwa riżultat ta' wiring u conections mhux kif titlob is-sengħa u tispiċċa tisma' żewġ stazzjonijiet fl-istess ħin. Fil-punti ta' distribuzzjoni, r-risers, sibna li switches li kellhom ikunu ta' ċertu tip, single pole, sibna li kienu jaqtgħu wire wieħed meta suppost jaqtgħu tnejn għal kull stazzjon. Għalhekk ukoll kien hemm l-interferenza. Dawn kelna naqalgħuhom, inżarmawhom mill-ġdid, nikkonnektjawhom mill-ġdid, nissupplixxu switches kif kellhom jiġu suppliti, u dan sar bin-nies tagħna. Kien hemm ukoll parti mill-groundfloor fiż-żona F, fejn Rover lanqas biss installaw l-ispeakers tagħhom. Il-bed head units li ġew suppliti ma kienx jiffittja eżatt fil-compartment allokat għalih u dan ħoloq problemi waqt l-installazzjoni.*

*Il-volume control fil-foyer ma kienx hemm, u fir-restaurant kien difettuż u l-units specjali "PZR's" kellna numru ta' diffikultajiet fuq il-connecting up tagħhom. Kellna nerġgħu nżarmaw u narmaw mill-ġdid biex inkunu nistgħu nħaddmu s-sistema kif suppost.*

*JS13, JS7 u JS8 huma eżempji oħra ta' l-istat tal-connections u tal-mod kif tħalla l-equipment biex jiġi handed over lill-klijent, li l-klijent ma accettax.*

*L-audio system sar kollu mill-Associated Supplies. L-affarijiet inxtraw min diversi suppliers lokali. Ix-xogħol tar-rettifika sar taħt is-superviżjoni tiegħi. Fir-rigward tat-television sar miż-żewġ kumpaniji li semmejt."*

A fol. 176 xehed Mario Attard li qal li jaħdem mal-Corinthia Group mal-projects division. *"Kont involut bħala projects manager fix-xogħol li ASL għamlet fil-Corinthia San Gorg. Kont in charge mill-proġett. Rover kienet sub contractor tal-main contractor tagħna ASL. Kienet tagħmel l-ELV's (extra low voltage works) li kien parti mill-main contract li kellhom ASL. Il-kuntrattur nagħtuh programm ta' xogħol u naraw li jżomm iż-żmien li nagħtuh u bil-kwalita miftehma. Ix-xogħol mal-programm kien tard, li aħna kellna nagħmlu oġġezzjoni mal-kuntrattur. Mhux neċessarjament ma kienx lest fil-ġurnata li fetħet il-lukanda fl-1 ta' Novembru imma ma kienx lest mal-programm illi kellu. Kien hemm ukoll problema fil-kwalita, aħna għandna specifications u x-xogħol ma kienx skond l-ispecifications tagħna. Kien hemm problema fis-sound u television. Ma niftakarx eżatt x'kienet. Niftakar li daħal kuntrattur ieħor biex jirranġa mhux Rover. Dan daħħluh ASL. Jiena għamilt xi seba' proġetti oħra minn dakinhar u d-dettalji ma niftakarhomx."* (Domanda tal-Qorti) L-ispejjeż li kellkom tħallsu lill-kuntrattur tbiddlu minħabba f'hekk? *"Bhalissa qed isir final account."* (Domanda tal-Qorti) Taf l-extra costs minn ħallashom hux intom jew il-kuntrattur? *"Aħna ma jidhirlix li ħallasna extra costs għax aħna għandna kuntratt u nimxu miegħu."*

A fol. 272 xehed Christopher Rizzo:
*"Qed nippreżenta dokument B1: riċevuta ta' European Satellite Communications Ltd, li hija ditta minn Great Britain, li ġibnihom biex jagħmlu rapport fuq il-problemi li kellna u jagħmlu tiswija ta' malajr ta' l-MATV system biex inkunu nistgħu nkomplu aħna. Magħha hemm ir-rapport li għamlet din il-kumpanija li jittratta x-xogħol ħażin li sar u dak li huma għamlu biex isewwuh u jġibuh jaħdem. Il-prezz kien £2,271 u l-ispejjeż tal-hotel bills hawn Malta fl-ammont ta' Lm32.40 u Lm14.05, għax kellna ftehim mas-San Gorg Corinthia li joqogħdu free of charge. Dokument B2 erba' rċevuti ta' Sky Scan Ltd. Waħda Lm120, Lm740.60, Lm300 u Lm1,134. Dawn komplew jirrifinaw u jirranġaw l-MATV system wara li telqu European Satellites Limited. Dan kien xogħol li ma għamlitx Rover jew li kien sar ħażin u kellu jerġa' jitwettaq. B3, huma varji rċevuti, minn ħafna kumpaniji differenti, f'ammonti żgħar ta'*

*affarijiet li kellna nixtru lokali bhal parts żgħar għall-MATV system u sound system. Dawn ma kinux saru u kien hemm fejn kellna nbiddlu għax kienu jew maħruqin jew out of order. Dawn inxtraw ġeneralment wara li telqu Rover u ħadniha over aħna s-sistema. Meta s-sid ħa over il-lukanda u beda jużaha ċerti sistemi kienu qed jaħdmu u aħna komplejna naħdmu fuqhom biex inġibuhom aħjar, sabiex is-sistema tiġi konsenjata b'mod effiċjenti, mhux maintenance repairs. Dokument B4 huma allocation sheets li juru s-sigħat ta' xogħol li għamlu l-ħaddiema tagħna biex jirranġaw ix-xogħol ta' Rover. Prospett ta' kemm ħallasna pagi f'dan ir-rigward illum m'għandix miegħi imma għandna 298.5 hours. Dawn in-nies ħadmu fuq xogħlijiet li jew ma sarux jew kellhom jissewwew u li kien xogħol li ġie esegwit mir-Rover.*

*Rigward l-ammont ta' Lm1,387.43 din ġiet kalkolata Lm3.32 plus 40% times is-sigħat. Aħna niċċarġjaw day work rate meta nagħmlu x-xogħol bis-siegħa. Il-40% huwa administration costs biex jikkaverja overheads, staff, telefonati etc."*

Is-soċjeta' Associated Supplies preżentat affidavit ta' Philip Farrugia a fol. 318. Dan qal li kien impjegat ma' Associated Supplies Ltd. bħala *site foreman* bejn Mejju 1994 u Mejju 1996, fix-xogħolijiet li saru l-Corinthia San Gorg. Prattikament jikkonferma x-xogħol kollu li sar minn Rover u kif kellu jiġi msewwi u rranġat biex jiġi *up to standard* u ta' kwalita tajba, kif spjegat mix-xhieda ta' qablu. Jgħid li Rover qatt ma kellu aktar minn sitta min-nies fuq is-*site* u l-biċċa l-kbira kienu jkunu minn tnejn sa tlieta. Id-direttur mhux dejjem kien ikun hemm u ġieli talbu hu stess biex jisilfu xi nies u xi għodda biex tar-Rover ikunu jistgħu jaħdmu.

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2005 is-soċjeta' attriċi talbet li l-affidavit tad-direttriċi tagħha Sarah Zarb li ġie preżentat minnha jerġa' jifforma parti mill-atti tal-kawża. Is-soċjeta' konvenuta ma opponietx purke tiġi notifikata b'kopja ta' l-istess (fol. 358)

A fol. 378 (11/05/2005) xehdet l-istess Sarah Zarb illi żiedet ma' l-affidavit tagħha li rigward dak li qal Chris Rizzo li kellu jonfoq ħafna flus biex jispiċċa s-sistemi, jekk ried jiżdied xi materjal kif jiġri ħafna drabi, dan irid jitħallas għax ikun materjal *extra* minn dak miftiehem fl-*original quote*. Qalet illi *"Ahna ma tlaqniex mill-post u ma abbandunajniex is-sit iżda kienet is-soċjeta' konvenuta stess li waqqfitna u ordnatilna ma mmorrux aktar fuq is-sit u ma ħallietx il-ħaddiema jkomplu l-final touches li kien baqa'."*

A fol. 382 gie esebit l-affidavit ta' Sarah Zarb.

Ir-riassunt tal-affidavit huwa f'dan is-sens – *"Aħna konna ġejna kkuntattjati mis-soċjeta' konvenuta biex ninstallaw is-sistemi tat-television u audio fis-San Gorg Corinthia, fil-kmamar kif ukoll f'żoni oħra tal-lukanda. Is-soċjeta' konvenuta kienet diġa' tat dan ix-xogħol lill-kumpanija oħra Globe Electronics li kienu diġa għaddew il-wires tat-television u l-audio. ASL qalulna li dawn kienu tajbin u mhemmx għalfejn jinbidlu. Fid-19 ta' Dicembru 1994, kellna meeting ma' Joe Scicluna ta' ASL fejn iddiskutejna x-xogħol li kellu jsir. Sakemm ASL qabdet lilna, għadda żmien u kienu waqgħu lura u kellhom pressjoni kbira biex ikomplu.*

*ASL ma ffirmawx il-kuntratt (Dok. 4) iżda aħna bdejna naħdmu fl-4 ta' Jannar 1995 minħabba li kienu mgħaġġlin. Din mhix proċedura normali speċjalment meta jkunu nvolut ammont daqshekk kbir. Il-kuntratt iffirmawh fit-2 ta' Frar 1995 (Dok. 2), ħallsu deposit fit-2 ta' Marzu 1995 (Dok. 3) u ffirmaw il-kambjali fit-22 ta' Marzu 1995 (Dok. 5).*

*Il-materjal li wżajna fl-installazzjoni kien kollu ta' l-ogħla kwalita approvati mill-Wireless Telegraphy Branch lokali fejn jiġu ċċekjati li kollox huwa according to standards. Aħna bgħatna kopja ta' l-ispecifications u lista tal-materjal kollu li konna ser ninstallaw (Dok. 22, 23, 23B u 23C). Ħadd ma lmenta avolja rawna ninstallawh. Għall-audio system Joe Scicluna ta' ASL ikkummenta li kienet ta' kwalita ferm tajba. Waqt l-installazzjoni u anke qabel ASL*

*u l-project management team kienu japprovaw il-materjal qabel jiġi nstallat, permezz ta' specifications jew sample material.*

*Id-disinn ta' l-istands tad-dixxijiet tas-satellita ġie approvat minn Joe Scicluna, ASL engineer. Il-Corinthia riedu jbiddluhom kompletament u damu biex jiġu approvati mill-15 ta' Mejju sat-13 ta' Lulju (Dok. 17). Kellna nbiddlu kollox u nagħmluhom mill-ġdid.*

*Chris Rizzo, direttur ASL, jibgħat faxes biex nispiċċaw xogħol li ma jistax jiġi finalizzat (Dok. 6) u ordni biex nispiċċaw l-installazzjoni tal-bed head panels sal-15 ta' April, filwaqt li l-approvazzjoni tagħhom mill-Project Team waslitilna fis-7 ta' April (Dok. 7). Dawn kellhom jiġu ordnati mingħand kumpanija barra.*

*Kien jgħaddi żmien mhux ħażin biex l-equipment jiġi approvat mill-MTS (il-consultant engineers) u l-project team tal-Corinthia.*

*Ġieli għamilna xogħol b'urġenza u ħadna l-approvazzjoni tiegħu wara biex ma naqgħux tard (Dok. 9). Jekk materjal jeħel mingħajr approvazzjoni u ma jiġix approvat, kien ikollna nerġgħu naqilgħu kollox u nagħmlu x-xogħol mill-ġdid spejjeż tagħna.*

*Ħafna mill-materjal ma setax jiġi ordnat minn barra qabel ma jkollna l-approvazzjoni ta' ASL. Fl-20 ta' Marzu 1995 tlabnihom lista taċ-channels tat-TV. Kollox jieħu żmien biex jasal minn barra.*

*Kien hemm ħafna drabi fejn ma stajniex inkomplu x-xogħol minħabba li x-xogħol ta' qabilna ma jkunx lest. U kien hemm xogħol li ġie miżjud wara (Dok.11, 12, 13, 14, 15, 16, 20).*

*Kellna ħafna problemi biex nitħallsu, niġru wara d-direttur għax pagamenti tard u skużi biex ma nitħallsux (Dok. 25). Lid-direttur anke t-telephone tad-dar tajtu imma ċempel darba biss fl-14 ta' Settembru.*

*Meta x-xogħol kien kważi lest, għamilna l-ewwel checks fil-kmamar. L-apparat kollu kien imwaħħal u kien jonqos biss l-aħħar commissioning, ġimgħa xogħol kollox ta' tnejn minn nies. Mingħajr preavviż is-security tal-Corinthia qalilna li ma stajniex nidħlu aktar fis-site. Għalhekk ma stajniex nispiċċaw il-commissioning li kien baqa'.*

*L-uniku kuntatt li sar kien biex jixtru l-PZR's mingħandna peress li l-kumpanija minn barra minn fejn xtrajna l-apparat ta' l-audio ma qdiethomx. Fix-xhieda tiegħu Joe Scicluna qal li kien hemm problema bil-PZR's. Dawn lanqas biss kienu fil-kuntratt aħseb u ara kemm stajna waħħalnihom ħażin (Dok. 26)."*

*Fix-xhieda tiegħu Joe Scicluna jgħid li ġew installati 13 amplifier għas-sistema tat-TV. Il-kuntratt barra l-5 channelised amplifiers li ġew installati, kellu jkun hemm tnejn (Dok.27) u għal tnejn kellna nitħallsu. Jekk tħallsu 13, 11 minnhom kienu żejda."*

A fol. 386 (02/12/2005) ġew miġbura ix-xhieda quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Sar Kontro-Ezami ta' Christopher Rizzo illi llum m'għadux ma' ASL. Prattikament ikkonferma dak kollu li kien xehed qabel.

A Fol. 402 (25/01/2006) sar il-kontro-ezami ta' Sarah Zarb. Din qalet illi: *"Jien xhedt dwar affarijiet li nafhom personalment għax kont immur għall-meetings, kont l-ASL, etc. Jiena kont ngħin fl-administration ta' Rover u anke on site ġieli mort. Jiena kont involuta fil-bidu waqt in-negozjati iżda anke wara għall-progress meetings mort. Mhux kollha iżda ħafna minnhom. Chris u Mark kellhom xi diżgwid bejniethom u kont immur jien. Fuq is-sit ma kontx immur very often. Jiena ma ċċekjajatx il-kmamar personalment. Dan sar mit-technician tagħna. Ir-risers bilfors iridu jkunu hemm inkella ma jkunx hemm signal fil-kmamar. Fil-public areas irrid nara d-dokumenti. Imma l-public areas kienu jiffurmaw xi 5% biss tal-kuntratt. Il-bulk huma il-280 kamra.*

*It-telephone tad-dar tajtulu lil Rizzo biex jekk ikun irid ikun jista' jaqbadna after hours u jsibna basically 24 hours a day.*

*Il-kuntratt konna nieħdu ħsiebu jiena u żewġi għax fl-istess xogħol konna naħdmu. Jekk Chris ma kienx jaqbad lil Mark fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju kien isib lili. Kemm-il darba kellem lili fuq problemi. Mhux il-korrispondenza kollha kienet tiġi ndirizzata lil Mark. Kif għidt kellhom diżgwid u kont sa mmur il-meetings jien ukoll. Jiena nifhem fit-tekniku. I can design a network u llum għandi l-istess xogħol. Ironically għadna kif iffirmajna kuntratt għar-refurbishment ma' l-istess Corinthia.*

*Barra l-A level Physics li hu l-bażi ta' dan ix-xogħol, jiena għamilt diversi korsijiet speċifiċi f'dan ix-xogħol snin ilu u llum għandi wkoll nies kompetenti biżżejjed mill-bidu sa l-aħħar. Dak iż-żmien kellna ukoll. Kuntratt verbali ma għandek xejn. Għalhekk kien hemm bżonn li jiġi ffirmat il-kuntratt. Mill-Project Management riedu japprovaw kollox. Anke japprovaw li naħdmu aħna flok ħaddiehor għax dan kien beda l-kuntratt ħaddiehor qabilna.*

*Ġieli kien hemm specifications u materjal li ma ġiex approvat mill-Project Team u kien hemm ħafna dewmien, il-bed head panels hija każ minnhom. Re: Dok. 2 aħna konna diġa' bdejna x-xogħol u ASL iffirmat dakinhar għax aħna għidnielhom li mhux se nagħmlulhom aktar xogħol jekk ma jiffirmawx.*

*Dak iż-żmien kull ma jiġi impurtat kien jiġi approved mill-Wireless Telegraphy Branch. U bħala parti mill-kuntratt l-equipment kollu li pprovdejna kien jiġi approvat mill-klijent. Aħna ngħadduh ASL u ASL ġġib l-approval hu. Tajnihom l-ispecs kollha bil-lista ta' l-equipment kollu. Aħna dealings direttament ma' Corinthia ma kellniex. Kien ikellimhom ASL. ASL kien jgħidli li l-Project Team tal-Corinthia approvaw.*

*Ma niftakarx jekk kellniex testing certificates imma għandna r-readings kollha tax-xogħol. Ma nafx jekk ASL kienx jgħaddilna hu a testing certificate.*

*Testing and comissioning is usually done together. In a hotel like this trid xi għaxart ijiem. Is-switch kien diġa' mixgħul. L-aħħar commissioning jiġifieri li ddur is-sistema kollha u tara li you have the desired levels in every room. Il-kuntratt kien kollu lest hlief għat-testing u commissioning. L-attenuators ma kinux fil-kuntratt kienu extra works u kellu jidħol l-avukat fiha biex tħallasna.*

*Ma kellniex data tat-tlestija tal-kuntratt mill-bidu. Kienu jsiru data as we go along block wara l-ieħor, imbagħad bagħtulna document li kien fih data.*

*Hu jaf għaliex ġab in-nies minn barra u x'għamlu. Lilna ma ħalliniex inkomplu x-xogħol. Sakemm konna għadna mmorru aħna ma jidhirlix li kien hemm ħaddiehor. Wara li rċevejna l-ittra biex ma nersqux 'l hemm, aħna ma stajniex nispiċċaw it-testing and commissioning and any rectifications which migħt be needed. Meta rċevejna l-ittra ufficjali (28 November) kien ilna żmien bl-ordni li ma nistgħux nidħlu hemm. Is-security guard ma ħalliniex nidħlu."*

Fil-Kontro-Ezami ta' Sarah Zarb (fol. 489), esebiet u tat spjegazzjoni għal diversi dokumenti li kienet għamlet referenza għalihom fil-kontro-ezami ta' qabel. Qalet illi fit-18 November tas-sena in kwistjoni kien diġa' hemm kuntratturi oħra jaħdmu minn flokhom.

Fin-nota ta' sottomisjonijiet tagħha s-soċjeta' attriċi Rover bażikament qed tgħid illi:

1. Illi r-rapport tal-perit legali kellu quddiemu u kkunsidra biss provi prodotti mils-soċjeta' konvenuta, dan għandu jigi skartat minn din l-Onorabbli Qorti.

2. Xhieda tad-direttur Mark Rota ma hemmx, peress li sfortunatament miet fil-bidu tal-kawża.

3. Ix-xhieda, affidavit u dokumenti, ta' martu Sarah Zarb ġiet rintegrata fl-atti wara li preċedentament kienet ġiet sfilzata. Zarb ppreżentat ukoll diversi dokumenti in

kontro-eżami. (Ara s-*synopsis* fol. 15, 16, 17), Minn dan kollu u minn studju akkurat tad-dokumenti jirriżulta li mhux minnu li t-talba attriċi hija ntempestiva u l-ammonti mhumiex dovuti *stante* inadempjenza da parti tas-soċjeta' attriċi.

4. Apparti dan is-soċjeta' konvenuta poġġiet lis-soċjeta' attriċi fl-impossibbilta' illi tkompli x-xogħol lilha kummissjonat. Dan joħroġ ċar mix-xhieda ta' Zarb kif ukoll mill-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjeta' attriċi stess.

5. Il-kuntratt kien għadu ma nħallx meta s-soċjeta' konvenuta qabbdet lil terzi, kontra l-principji tal-kuntratt tal-appalt. Il-komunikazzjoni saret biss b'ittra uffiċjali li fost oħrajn talbet danni etc.

6. In kontro-ezami Chris Rizzo jammetti li taw struzzjonijiet lis-*security* biex ma jħallux lill-ħaddiema tas-soċjeta' attriċi jidħlu fis-*site*.

7. Ma ġiet prodotta l-ebda ittra ta' terminazzjoni għalkemm Chris Rizzo obbliga ruħu li jippreżentaha.

*8.* Kulma kien fadal kien it-*testing* u *commissioning.*

9. Fl-istadju li sar ir-rapport tal-perit legali s-soċjeta' attriċi kienet għada ma ressqet l-ebda provi tagħha. Il-perit legali ma ħa in konsiderazzjoni l-ebda prova li ressqet s-soċjeta' attriċi u għalhekk ir-rapport kważi kważi hu wieħed *ex parte* u għalhekk il-Qorti m'għandhiex tistrieħ fuqu. *Inoltre* d-danni likwidati (Lm4,795.12) mill-perit legali huma f'ammont akbar mill-ammont tal-kuntratt mitlub mis-soċjeta' attriċi (Lm3,837.43).

10. Dan ma jagħmlix sens meta skond Chris Rizzo stess 85% tal-installazzjoni kienet lesta, u fil-*ground equipment* laħqu 90 – 95%.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' konvenuta ASL din irrilevat illi;

1. Kien hemm żewġ kundizzjonijiet marbuta mal-ħlas tal-kambjali li jirriżultaw mill-*agreement* [1].

2. Saret referenza għax-xhieda prodotti mis-soċjeta' konvenuta [2].

3. Ir-rapport tal-Perit Legali jeskludi 40% *mark up* fuq il-pagi li s-soċjeta' attriċi ħallset lill-ħaddiema tagħha biex tagħmel tajjeb għal *overheads etc*. Jekk dan ma jiġix kunsidrat is-soċjeta' konvenuta tiġi li ħadmet b'telf. Ma taqbilx li l-*items* li naqqas il-perit legali għandhom jiġu mnaqqsa u jżid l-ammont ta' £125 ekwivalenti għall-€136.74 spejjez ta' *circuit board*.

4. It-talba għad-danni tas-soċjeta' konvenuta għandha tiġi milqugħa *stante* li ampjament pruvata, u likwidata fl-ammont ta' €12,595.69 (l-ammont likwidat mill-perit *piu'* l-ammont li naqas milli jikkunsidra jew li ma aċċettax), filwaqt li s-soċjeta' attriċi m'għandiex dritt titħallas l-ammonti tal-kambjali peress li l-kundizzjonijiet marbuta magħhom qatt ma avveraw ruħhom.

KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI.

Naturalment peress li l-Qorti għandha quddiemha wkoll kontro- talba, iridu jiġu deċiżi żewġ kawzi f'sentenza waħda. Fuq naħa waħda da parti tas-soċjeta' attriċi hemm l-azzjoni kambjarja u fuq in-naħa l-oħra da parti tas-soċjeta' konvenuta l-azzjoni biex jiġu mħallsa danni minħabba li s-soċjeta' attriċi abbandunat ix-xogħol li kellha tagħmel.

Fir-rigward tal-azzjoni kambjarja din ma tippreżenta ebda diffikolta'. Kif ġia' ndikat ma jirriżultaw ebda kondizzjonijiet fuq il-kambjali u f'azzjoni simili dak huwa li hu rilevanti. F'dan l-istadju il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sentenza ġia' mogħtija minnha (naturalment diversament preseduta) fis-sens illi l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta'

---

[1] Dawn pero ma jirrizultawx mill-kambjali per se.

[2] Ara synopsis tagħhom

konvenuta ma humiex eċċezzjonijiet kambjarji, iżda personali għall-pussessur tal-kambjala, u għal din ir-raġuni ma hemmx dubju li l-azzjoni attriċi għandha tiġi milqugħa kif inhi.

Fir-rigward tal-kontro talba, is-soċjeta' konvenuta qed tgħid illi hija sofriet danni minħabba li s-soċjeta' attriċi abbandunat ix-xogħol, li x-xogħol sar ħażin u kien hemm nuqqas ta' konsenja fiż-żmien.

Il-Qorti eżaminat il-provi miġbura u ma jirriżultaliex li s-soċjeta' attriċi abbandunat ix-xogħol iżda kienet is-soċjeta' konvenuta li ħallet il-kuntratt. F'ebda ħin is-soċjeta' attriċi ma ndikat li hija kienet se titlaq ix-xogħol, iżda ġiet miżmuma mill-klijenti tas-soċjeta' konvenuta milli tkompli taħdem. Is-soċjeta' konvenuta setgħet tagħmel dan *ai termini* tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili iżda minn jekk kienx hemm raġuni valida jew le biex tagħmel dan jiddependi jekk hija tistax titlob id-danni *ai termini* tas-sub-inċiż (3) tal-istess artikolu. Dan infatti jgħid illi *"Jekk ikun hemm raġuni biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies ta' l-utilita' ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra".*

Għalkemm huwa minnu li l-perit legali rrediġa r-rapport tiegħu qabel ma ġie nserit fil-proċess l-affidavit ta' Sarah Zarb (jew Rota kif kienet qabel) ċerti konklużjonijiet tiegħu huma kondiviżi mill-Qorti. Jirriżulta nfatti palesament illi kien hemm ċertu dewmien fix-xogħol u jirriżulta speċjalment mid-depożizzjoni ta' Leslie Bonnici u Raymond Mangion illi kellhom isiru xi xogħlijiet minn kuntratturi oħra minħabba li ċertu xogħol ma sarx *up to standard.* Skond ġurisprudenza kostanti, apparti l-artikolu 1640, l-appaltatur li jesegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jirriżulta minn dik l-esekuzzjoni ħażina (Vol XXXVII p iii – pagna 883). Dawn il-persuni Bonnici u Mangion) għalkemm ittellgħu jixhdu minn ASL ma għandhomx x'jaqsmu ma' l-istess soċjeta' u huma mpjegati ta' soċjetajiet li għamlu x-xogħlijiet li ma sarux mis-soċjeta'

attriċi. Jirriżulta pero' li s-soċjeta' attriċi ġiet notifikata bit-terminazzjoni tal-appalt fit-28 ta' Novembru 1995 – dan jirriżulta mid-depożizzjoni ta' Sarah Zarb u mhux minn xi dokument għaliex ASL ma esebiet ebda dokument fir-rigward – u ċioe' wara li ASL kienu ġia' daħħlu kuntratturi oħra jaħdmu fuq il-lant. Għalhekk is-soċjeta' konvenuta ma tistax tirreklama danni li sofriet qabel ma ħallet il-kuntratt *ai termini* tas-sub-inċiż (5) tal-artikolu 1640. L-ispejjeż għalhekk illi nkorriet mas-soċjeta' estera European Satellite Communications Limited, apparti li l-Qorti mhix sodisfatta li ASL ma setgħux imminimizzaw dawn id-danni billi qabbdu kuntrattur residenti f'Malta (u kienu jiġu evitati għall-inqas l-ispejjeż tal-ajru li huma parti sostanzjali minnhom) f'dak l-istadju is-soċjeta' konvenuta kienet għadha marbuta kuntrattwalment ma' dik attriċi. Il-kont infatti jġib id-data tal-24 ta' Novembru 1995.

Fir-rigward tad-danni l-oħra l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet peritali, fis-sens illi x-xogħol li sar minn Skyskan Limited u kontijiet relattivament żgħar oħra ndikati a fol. 371 u 372 għandhom jiġu rifużi mis-soċjeta' attriċi bħala danni. Il-Qorti taqbel mal-perit legali ukoll li s-soċjeta' konvenuta ma għandha ebda dritt tiġi rifuża 40 fil-mija (hekk imsejħa *fee* amministrattiva!) *oltre* s-salarji tal-impjegati tagħha biex skond hi, sewwew ix-xogħol ħażin. Tifhem pero' li l-impjegati setgħu kienu qed jagħmlu xogħol ieħor u s-salarji relattivi (Lm991.02c) għandhom jingħaddu. Għalhekk id-danni pagabbli lis-soċjeta' konvenuta jammontaw għal Lm3,550.78c ossija €8,271.09.

DEĊIŻJONI

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi:**

**fir-rigward tat-talba attriċi (filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba *stante* d-digriet li permezz tiegħu is-soċjeta' konvenuta ġiet awtorizzata tippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet), tiċħad l-eċċezzjonijiet u tilqagħha u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lil dik attriċi s-somma komplessiva ta' tliet elef, tmien mija u sebgħa u tletin lira Maltin u**

**tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm3,837.43) ossija illum tmient elef, disa' mija u tmienja u tletin Ewro u wieħed u tmemin ċenteżmu (€8,938.81) bl-imgħaxijiet kif mitluba li jiddekorru mill-iskadenza tal-kambjali; l-ispejjeż ħlief dawk ġia' deċiżi a kariku tas-soċjeta' konvenuta;**

**fir-rigward tal-kontro-talba tiċħad l-eċċezzjonijiet u tilqa' t-talba u tikkundanna lis-soċjeta' attriċi tħallas lil dik konvenuta s-somma ta' tmient elef, mitejn u wieħed u sebgħin Ewro u disa' ċenteżmi (€8,271.09); spejjes a kariku tas-soċjeta' attriċi *eccetto* dawk tal-perizja li għandhom jitħallsu mill-partijiet f'sehem indaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------